MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 385/2007

**Talba Nru: 385/07VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655)

Vs

Maria Borg

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ mija u erba liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm104.75c), rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta skond Client Contract Number 1009855 in rigward ta’ servizzi rezi lilha fix-xhur bejn April 2006 u Novembru 2006, bl-ispejjes

inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-27 ta' Frar 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' mija u erba liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm104.75c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------